# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Mejju 2001**

**Numru : 27**
**Citaz. Numru : 730/01/RCP**

**CSMR (1994) Limited**

**vs**

**Priceclub Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta diversi merkanzija ordnata, mill-istess socjeta konvenuta'.

Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici ghall-prezz tal-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha liema debitu jammonta ghal tnax il-elf erba mija

tnejn u erbghin lira maltija u disa' u disghin centezmu (Lm12,442.99c),

Illi s-socjeta attrici interpellat lis-socjeta konvenuta sabiex thallas l-ammont dovut minnha, izda s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta huwa cert, likwidu u dovut;

Illi s-socjeta konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni valida;

L-istess socjeta` attrici talbet ghaldaqstant lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:

1. Tipprocedi u tisma' din il-kawza skond il-procedura sommarja provduta fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili skond l-Artikolu 167 et sequitur;

2. Tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta, attrici fl-ammont ta' tnax il-elf erba mija tnejn u erbghin lira maltija u disa' u disghin centezmu (Lm12,442.99c);

3. Tordna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta, attrici l-ammont ta' tnax il-elf erba mija tnejn u erbghin lira maltija u disa' u disghin centezinu (Lm12,442.99c).

Bl-ispejjez, bl-imghax dovut mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-pagament effettiv, inkluz l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid mahruga fl-ismijiet premessi.

Bl-ingunzjoni tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta ma rnexxielhiex tipprova lanqas *prima facie ai termini* tal-Art 170 (1) tal-Kap 12 li ghandha eccezzjonijiet validi x'taghti ghat-talba tas-socjeta` attrici anke ghaliex Joseph Psaila, x-xhud prodott mis-socjeta` konvenuta, bhala rappresentant taghha ma kien jaf prattikament xejn *di scienza propria* dwar il-kaz, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti s-socjeta` konvenuta ma rnexxielhiex turi li ghandha eccezzjonijiet *prima facie*, fil-ligi jew fil-fatt, xi ggib kontra l-mertu tac-citazzjoni attrici.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;
Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti, fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta, attrici fl-ammont ta' tnax il-elf erba mija tnejn u erbghin lira maltija u disa' u disghin centezmu (Lm12,442.99c);

3. Tordna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta, attrici l-ammont ta' tnax il-elf erba mija tnejn u erbghin lira maltija u disa' u disghin centezinu (Lm12,442.99c).

BI-ispejjez, bl-imghax dovut mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-pagament effettiv, inkluz I-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid mahruga fl-ismijiet premessi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**17 ta' Mejju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**17 ta' Mejju, 2001**